MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2007

Appell Kriminali Numru. 409/2006

Il-Pulizija
(Spettur S. Micallef)
Vs

Ruben Mifsud

Il-Qorti;

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-kwalita' tieghu ta' direttur u/jew rapprezentant guridiku tas-socjeta' Rubijam Ltd (C35231) b'ufficju registrat 85, Dorjoe, Olive Street, Zebbug, Malta, u/jew bhala l-persuna li kien inkarigat mill-istess socjeta' sabiex ihallas il-pagi dovuti talli naqas li jhallas ilpagi kollha sal-perjodu 30 ta' Lulju, 2005, fl-ammont ta' LM275.74 (mitejn u hamsa w sebghin lira Maltin, u erbgha w sebghin centezmu) dovuti lill-ex impjegat tas-socjeta' fuq imsemmija Christopher

Spiteri fit-tmiem tal-impieg tieghu nhar it-30 ta' Lulju, 2005.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-5 ta' Dicembru, 2006, li biha, wara li rat l-artikoli 5, 15 u 45 tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta, ddikjarat il-kawza preskritta.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fil-21 ta' Dicembru, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, w minflok, wara li jinstemghu l-provi, issib u tiddikjara htija tal-istess appellat f'din l-akkuza, w tinfliggi l-piena skond il-ligi, jew inkella, minhabba l-beneficcju tad-doppju ezami, tibghat l-atti lura lill-Ewwel Qorti ghall-procediment bis-smiegh tal-kawza w decizjoni.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-verbal li bih din il-Qorti gibdet l-attenzjoni tal-Avukat Generali li mill-verbal regisrat a fol. 6 tal-process, jidher li meta nghatat is-sentenza appellata, l-appellat ma kienx prezenti.

Semghet it-trattazzjoni dwar dan il-punt;

Ikkonsidrat;

Illi bhala fatt a fol. 6 hu verbalizzat hekk testwalment :-

*"Meta ssejehet il-kawza l-imputat gie imsejjah tlitt darbiet u ma deherx.*
*" Deher il-parte civile Christopher Spiteri;*
*"Il-Prosekuzzjoni titlob korrezzjoni fl-isem, Raymond Huber u jigi sostitwit fl-isem Christopher Spiteri;*
*Il-Qorti tilqa' t-talba;*
*Peress li din il-korrezzjoni tbiddel is-sustanza tat-tahrika u peress li ghadda t-terminu prefiss mill-ligi, il-Qorti tiddikjara kawza preskritta." (*Sic!). (sottolinear ta' din il-Qorti.)

Ikkonsidrat;

Li minn dan hu ovvju li meta l-Qorti ddecidiet li l-kawza preskritta dan ghamlitu fl-assenza tal-appellat

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell "**Il-Pulizija vs.Saviour Spiteri**" [25.8.1995], "Skond il-gurisprudenza cara u kostanti ta' din il-Qorti, l-assenza tal-imputat mill Qorti…iggib bhala konsegwenza l-inezistenza totali kemm tas-sentenza appellata kif ukoll tas-smiegh tal-kawza li ppreceda u ddetermina dik is-sentenza (Ara wkoll "**Il-Pulizija vs. Zakkarija Calleja"** [18.11.1976]; "**Il-Pulizija vs.Carmelo Debono"** [1.12.1977]; **"Il-Pulizija vs.Stephen Caruana"** [24.4.1986]; **"Il-Pulizija vs.George Fava"[**31.5.1984];"**Il-Pulizija vs. Anthony Magri"** [6.12.1984]'; "**Il-Pulizija vs. Anne Debono"**[28.7.19998] **;"Il-Pulizija vs. Emmanuel Mifsud"** 11.7.1994 "**Il-Pulizija vs.Sharon Zammit et"** 7.9.1994] u ohrajn) .

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tipprovdi dwar l-appell billi tiddikjara ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi li s-sentenza appellata w s-smiegh tal-kawza li pprecediha u wassal ghaliha ma ghandhom ebda effett legali w ghandhom jitqiesu inezistenti fil-konfront tal-appellat u ghalhekk qed tibghat l-atti lura lill-Ewwel Qorti biex l-appellat jerga' jitpogga fil-pozizzjoni li kien qabel l-udjenza tal-5 ta' Dicembru, 2006.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------